MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 339/2008

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Sony Corporation .**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l- Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b' digriet tat-28 ta' April 2008 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici YIWU CHINA SMALL COMMODITIES CITY TRADING CO LTD u lill-kunsinjatarju SARL BMF TRADING.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Sony Corporation datat 7 ta’ April 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs*, ma’ l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea: il-kelma ‘**SONY**’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000000472 (Dok “SC1”).

Illi fis-sitta (6) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5155550 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS liema *container* kien fih total ta’ tlettax-il elf u hames mitt (13,500) MP3 (Dok. “SC 2”) kollha bil-marka SONY, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intelletwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-MP3s hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kelma **‘SONY’** u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Corporation (Dok. “SC3”), u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali ta’ Sony Corporation;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok “SC4”) sabiex *a tenur* ta l-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa SARL BMF TRADING mill-Algeria u dan skont dak citat fil-polza ta’ taghbija numru GZ2198051 (Dok. “SC5”);

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll ta’ l-**artikolu 10(2) (b)** ta’ **l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 ta’ l-istess Kap 414**;

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’MP3s li fuqhom il-kelma ‘SONY’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5155550 kontenenti l-imsemmija MP3s, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma ‘SONY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000000472 (Dok. “SC1”), u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali MP3s ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk MP3s, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta’ l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija MP3s ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta’ l-istess MP3s.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti *nomine* Dr. Peter Fenech a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. “SC 1” sa Dok. “SC 5” kif jidher a fol. 3 sa 14 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Avukati Dr. Peter Fenech *nomine* datat 7 ta’ April 2008 a fol. 18 tal-process fejn esponenti talab lill-Qorti sabiex tahtar kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti prevja l-hrug btas-soliti bandi fl-atti kollha relattivi u segwent; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxalli u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija nnominat lill-Avukat Dr. Antony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fit-28 ta’ April 2008 kif jidher a fol. 19 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2008 b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa ta’ Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Doreen Aquilina bhala kuraturi deputati datat 19 ta’ Settembru 2008 a fol. 29 tal-process fejn esponew:-

1. Illi f’ dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdi, jekk ghandu, l-indirizz tas-socjeta` intimata u/jew numru tat-*telephone* jew *fax* tal-istess.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 29 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tas-7 ta' Ottubru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur li esebixxa korrispondenza relattiva. Kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. Peter Fenech li talab ir-revoka tad-digriet tas-26 ta' Awwissu 2008 peress li ma jirrizultax li hemm bzonn tali procedura. Il-Qorti laqghet it-talba u Dr. Fenech iddikjara li m'ghandux indirizzi ohra tad-ditti intimati u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** fejn is-socjeta' attrici qed tghid li bil-fatti allegati gew miksura d-drittijiet taghha fuq il-marka tal-kummerc maghrufa "SONY" registratata minnha bhala *Community Trademark u Community Design* ma' l-*Office of Harmonisation in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea u fil-fatt din il-marka giet registrata fis-27 ta' Lulju 1998 (Reg. No. CTM 000000472 (Dok. "SC1") u dan ghaliex il-merkanzija mertu ta' din il-kawza kienet falza u kontrafatta, u minhabba f'hekk qed titlob li jigi ddikjarat li oggetti jiksru d-drittijiet tas-socjeta' attrici fuq l-istess marka u konsegwentement jigi ordnat li tali oggetti jigu distrutti bil-mod kif provdut fil-ligi u talbiet ohra konsegwenzjali ghall-istess.

Illi jirrizulta skond ix-xhieda tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (affidavit datat 2 ta' Settembru 2008) li fid-9 ta' Frar 2008 fuq il-vapur CMA CGM LYS kien dahal *container* bin-numru CMAU 5155550 li kien fih diversi kaxex indikati bhala *"household items"* u wara li infetah fil-11 ta' Frar 2008 instab li kien hemm fost oggetti ohra total ta' tlettax-il elf u hames mitt (13,500) MP3 (Dok. "SC 2") kollha bil-

marka SONY, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali; u fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat b'dan li l-Kontrollur kien issosspenda r-rilaxx tal-istess oggetti sabiex isiru accertamenti fuq l-istess.

Illi fil-fatt mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-MP3s mertu tal-kawza odjerna u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt foloz ghar-raguni li fihom il-kelma **'SONY'** u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Corporation (Dok. "SC3"), u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Sony Corporation u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz ukoll peress li gew ilkoll ippruvati u bl-ebda mod ma gew kontradetti.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'MP3s li fuqhom il-kelma 'SONY' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5155550 kontenenti l-imsemmija MP3s, huma kontrafatti u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju 1998 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000000472 (Dok. "SC1").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-istess oggetti konsistenti f'MP3s mertu tal-kawza odjerna, u dan f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati minn din il-Qorti *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjeta’ rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija MP3s ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu ta’ l-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta’ l-istess MP3s.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata b’dan li d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------